MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) KUMMISSJONI TAXXI INTERNI

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 1/2002/1

**Alfred Portelli**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Frar, 2002 il-Bord ta' Kummissarji Specjali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"1. Meta l-Bord iltaqa' biex jittratta l-Appell maghmul mis-Sur Alfred Portelli ipprezentat nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001, ir-rapprezentant tal-Kummissarju irrileva li

l-Appell huwa null ghax gie pprezentat kopja wahda u mhux kif titlob ir-Regola 11 (2) ta’ l-Avviz Legali 173/1994 li tesigi illi kull appell ghandu jintbaghat f’zewg kopji u dan gie kkonfermat bid-decizjonijiet Nri. 4 u 21 tal-Qorti ta’ l-Appell. Il-Bord laqgha t-talba tal-Appellant biex jinghata c-cans li jtella’ lil xi hadd biex jghinu fid-difiza tieghu.

2. Meta rega’ ltaqa’ l-Bord, xehed l-Appellant fejn sostna li:-

(a) Meta mar biex jipprezenta l-Appell dahal fl-Ufficcju tas-Segretarju tal-Bord tal-Kummissarji Specjali fejn kien hemm persuna, bil-wieqfa hdejn il-kompjuter, li ma kenitx is-Sur Vincent Borg, li hu hawn prezenti u li hu s-Segretarju tal-Bord, izda ragel iehor li meta tajtu l-envelope, fethu, qara l-Appell u wara ftit sekondi qallu li kien validu u li se jibghatu ghalihom biex jidhru quddiem il-Bord;

(b) Ma kienx jaf jekk il-persuna, li ma identifikatx ruhha, kienetx xi Segretarju tal-Bord jew xi membru tad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni u lanqas jekk din il-persuna ccekkjatx jekk kienx hemm kopji jew le;

(c) Kien is-Sur Alfred Degabriele li dak iz-zmien kien jahdem fid-Dipartiment li kitiblu l-Appell;

(d) Ma setax jghid jekk ma’ l-ittra tar-Rifjut irceviex kopja ta’ Art. 35,36,37 Kap 372 Avviz Legali Nru. 173 ta’ 1994.

3. Ir-rapprezentant tal-Kummissarju ssottometta li:-

(a) Kif juri l-fatti ddikjarati taht gurament, l-appellant ipprezenta l-Appell tieghu lill-persuna li kienet fl-Ufficcju tal-Bord tal-Kummissarji Specjali u li accertatu li l-Appell kien validu.

(b) Minn dak il-hin li nghatat dik l-accertazzjoni,r-responsabilita` ghar-rigward tal-process ta’ l-Appell giet trasferita fuq terzi.

(c) La r-responsabilita` jew in-nuqqas ta' tharis tal-Ligi giet trasferita minn fuqu, l-Appellant ma ghandux jigi aggravat u ghalhekk jitlob li l-appell huwa validu.

4. Ir-rapprezentant tal-Kummissarju ssottometta li:-

(a) Ir-regola 11(2) ta' l-Avviz Legali 173 tal-1994, kif ikkonfermata bid-decizjonijiet Nri, 4 u 21 tal-Qorti ta' l-Appell, tezigi li min jappella irid jipprezenta zewg kopji ta' l-Appell lis-Segretarju tal-Bord tal-Kummissarji Specjali;

(b) Ir-Regola Nru. 6 (2) ta' l-istess Avviz Legali taghti l-istess poteri lis-Segretarju ta' dan il-Bord bhal dawk li ghandu r-Registratur tal-Qorti Superjuri skond il-Kap 12;

(c) Il-persuna ma' min l-Appellant halla l-Appell tieghu ma gietx identifikata, la bhala s-Segretarju tal-Bord u lanqas bhala membru tad-Dipartiment u li l-ebda membru fid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni ma ghandu seghat li ghandu vestiti fih is-Segretarju tal-Bord;

(d) La darba m'hemmx provi ta' l-identita` u tal-kariga tal-persuna li rceviet l-Appell, l-Appelland kien missu ra lil min ikkonsenja l-Appell tieghu ghax seta' tah lil min ma kienx inkarigat jircevi l-Appell.

5. Il-Bord jaghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(a) Huwa kollu minnu li kull appell ghandu jigi pprezentat f'zewg kopji lis-Segretarju tal-Bord tal-Kummissarji Specjali;

(b) L-Appellant kellu kull ragun jassumi li meta hu dahal fl-Ufficcju tas-Segretarju tal-Bord, il-persuna li jkun hemm ma ghandha tkun hadd hlief is-Segretarju u m'ghandu l-ebda obbligu illi jidentifika l-persuna prezenti;

(c) Veru li s-Segretarju m'ghandu ebda obbligu bil-ligi li jinforma lill-Appellant jekk l-Appellipprezentat hux *in order* jew le, izda la l-persuna li lilha gie pprezentat l-Appell (li ghall-Appellant ma kien hadd iehor hlief is-Segretarju) esprimiet ruhha, din kienet fid-dover li taccerta ruhha li l-Appell kien ipprezentat kif kellu jkun;

(d) Jekk xi hadd wera xi nuqqas ta' responsabilita' jew ecceda l-poteri vestiti lilu, certament li m'ghandux ibghati l-Appellant;

(e) Fuq il-punt (5c) hawn fuq, il-Bord ghandu r-riservi tieghu ghax hu tal-fehma li s-Segretarju, minghajr ma jidhol fid-dettall, ghandu ghall-inqas jigbed l-attenzjoni tal-Appellant meta l-Apell kif prezentat ma jkunx maghmul skond ir-regola. Dan japplika kemm jekk tkun ipprezentata kopja wahda flok zewg kopji, kif ghandu jkun u anki jekk ma tkunx ipprezentata wkoll kopja ta' l-Ittra tar-Rifjut.

Ghalhekk il-Bord ihoss li m'ghandux jilqa' l-eccezzjoni tar-rapprezentant tal-Kummissarju u jappunta nhar it-Tlieta, 19 ta' Frar 2002 ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh dwar il-meritu tal-kaz."

Minn din id-decizjoni tal-Bord ta' Kummissarji Specjali appella l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni bl-aggravju illi l-Bord ma messux ikkonvalida l-appell interpost quddiemu minn Alfred Portelli meta dan kellu jigi invece dikjarat null minhabba nuqqas ta' konformita mar-Regolament 11 (2) tal-Avviz Legali 173/94.

Dan ir-Regolament jipprovdi li "*r-rikors ta' l-appell ghandu jsir b'zewg kopji u jigi prezentat ghand is-Segretarju tal-Bord, kopja wahda minnhom tkun notifikata permezz tas-Segretarju lill-Kummissarju*".

F'dan il-kaz giet prezentata kopja wahda u allura l-appellant, anke bil-konfort ta' xi decizjonijiet in materja, qed isostni li d-dettam tal-ligi jew regolament ma giex segwit. Ergo, l-posizzjoni assunta minnhu illi f'dan il-kaz

il-Bord zbalja meta ma adottax tassattivament it-termini testwali preskritti mir-regolament.

Awtur bhal **<u>Laurent</u>** ("Diritto Civile, Vol I para 43) jghallem li n-nullita' "*e' un <u>mezzo estremo</u> cui il legislatore non ricorre che in caso di necessita`.*"

Il-problema hi wahda antika u dejjem kienet maghna kif manifest f'gurisprudenza kopjuza fuq din it-tematika. B'danakollu anke meta l-Qrati ta' zmenijiet ohra kienu x'aktarx influwenzali minn nozzjonijiet ta' rigorosita` procedurali kien hemm diga` t-tendenza li jevitaw in-nullitajiet u jsalvaw l-atti. L-ezemplari f'dan il-kuntest huma bosta.

Hekk fid-decizjoni fl-ismijiet "**<u>Com. Rosario Xuereb –vs- Com. Paolo Xuereb et</u>**", Qorti Kummerc, 2 ta' Jannar 1883 (Vol X pI) gie osservat dan:-

"*L'antico rigore che esigeva l'uso delle identiche parole della legge nelle azioni giudiziarie, ossia il formulismo, e' nei nostri tempi abbandonato, come sistema proprio dell'infanzia del diritto*."

Issokta jigi ribadit "*b'wisq aktar raguni u qawwa nistghu nghidu hekk illum meta l-ligi u l-qorti aktar mill-formalizmu jew legalismu, thares lejn dak li hu skond il-haqq u s-sewwa, lejn il-gustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll fejn jinhtieg, moderata mill-principju tal-ekwita` li wisq tajjeb giet imfissra bhala la 'giustizia del dato caso'*" – "**<u>Salvatore Tonna –vs- Carmelo Chetcuti et</u>**", Appell Civili, 16 ta' Novembru 1934. Hsieb dan ribadit fis-sentenza fl-ismijiet "**<u>Carmelo Meli –vs- Anthony Sammut et</u>**", Appell Kummerc, 22 ta' Dicembru 1970.

Gie fil-fatt ritenut illi "*n-nullita` hija haga odjuza u ghandha tigi ordnata meta espressament komminata mil-ligi*" (**<u>Vol XXXIII pI p134</u>**). Effettivament, "*in-nullita` ma tistax tigi desunta meta mhux espressament stabbilita minn disposizzjonijiet li jirrigwardaw proceduri specjali*". (**<u>Vol XXXII pI p329</u>**).

Progressivament, u sa fejn konsentit, certi nullitajiet gew ormai sorpassati u rimedjati bil-provvedimenti illuminati introdotti bl-Att XXIV ta' l-1995 ghal Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Kodici li ghalih l-istess regolamenti fl-Avviz Legali imsemmi 173/94 jaghmlu espressa referenza.

Ad exemplum Regolament 6 (2) jipprovdi li "*Is-Segretarju tal-Bord ghandu jkollu, mutatis mutandis is-setghat u dawk id-dmirijiet kollha li huma moghtijin lil jew vestiti fir-Registratur tal-Qorti Superjuri bil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili*."

Meta dan hu hekk jircievi applikablita' anke f'dan il-kaz dak dispost fl-Art 184 (1) tal-Kap 12 li jghid li "*li meta tinqala' xi diffikolta` dwar il-prezentata ta' skrittura, ir-registratur <u>ghandu</u> jgharraf b'dan lill-parti interessata … …*"

Fid-dawl ta' din id-disposizzjoni allura taghmel sens il-motivazzjoni tal-Bord li waslitu biex ma jilqax l-eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni.

Biex jinghad kollox l-eccezzjoni tan-nullita` taht il-Kap 12 hi tassattivament regolata bl-artikolu 789. Ezami ta' din id-disposizzjoni turi l-infondatezza ta' l-aggravju interpost.

L-Artikolu 789 jikkontempla zewg tipi ta' nullita`, dik <u>testwali</u> (subinciz (a)) u dik <u>virtwali</u> (subincizi (c) u (d) konsistenti ghal (c) fis-semplici vjolazzjoni tal-forma, anke jekk mhux taht piena ta' nullita`, u dik tal-paragrafu (d), cjoe, meta l-att ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi. Taht (c) titratta minn kondizzjoni ta' formalita`; taht (d) titratta mill-element kostitutiv tac-citazzjoni. Id-distinzjoni bejniethom giet konsiderata mhux darba mill-Qrati taghna, ad exemplum is-sentenzi riportati a **<u>Vol XXVI pII p13</u>** u **<u>Vol XXXI pI p337</u>**.

Issa kemm jekk il-meritu f'dan il-kaz jigi kazellat taht wahda jew l-ohra fiz-zewg ipotesijiet u taht il-fren ta' l-

emendi apportati bl-Att imsemmi XXIV ta’ l-1995 il-qaghda hi salvata.

Dan ghaliex proprju in kwantu jirrigwarda s-subinciz (c) il-ligi tipprovdi li l-eccezzjoni tan-nullita` setghet biss tinghata kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju li ma jistax jissewwa xort’ohra hlief billi l-att jigi annullat. Pregudizzju dan li indubbjament fil-kaz taht ezami ma jirrizultax ghaliex proprju l-appellanti deher fil-proceduri quddiem il-Bord u ikkontesta l-appell.

Jghodd imbaghad ukoll ghas-subinciz (d) il-proviso li jahseb li l-eccezzjoni ma hijiex sostenibbli “*jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi*”. U kif ghadu kif gie osservat il-ligi espressament taghti lir-Registratur (u ghalhekk anke lis-Segretarju tal-Bord) x’ghandu jaghmel meta jinsorgu diffikultajiet fil-prezentata tal-iskritturi.

Tajjeb gie osservat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, Sede Civili, 14 ta’ Novembru 1994 fil-kawza “**Joseph Borg noe –vs- Alice armla minn Nutar Joseph Raymond Grech et**”, u meta allura ma kienux ghadhom dahhlu fis-sehh l-emendi ta’ l-1995:-

“*Ghalhekk in-nullita` m’hijiex is-sanzjoni applikabbli, ghaliex din is-soluzzjoni radikali biex tigi applikata jehtieg l-elementi ta’ l-inevitabilita` tan-necessita` li ma tistax tigi aggirata minghajr pregudizzju gravi ghall-parti l-ohra. Barra mill-element ta’ pregudizzju irriversibbli; dak li ma jistax jissewwa jekk mhux bl-annullament. Huwa bizzejjed assodat fil-gurisprudenza li kull meta huwa possibbli u sakemm il-ligi ma timponix in-nullita`, l-atti gudizzjarji ghandhom jigu salvati, sabiex fost hwejjeg ohra, jigu evitati r-ripetizzjonijiet ta’ l-atti u l-moltiplikazzjonijiet ta’ l-istess*.”

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi respint u s-sentenza tal-Bord konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------